(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Speech Therapist with the Council for the Professions Complementary to Medicine;

d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided);

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

10.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education and Culture or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali jippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.2. The result of the interviews will be published by the Ministry for Social Policy and exhibited on the notice-board of the Office of the said Ministry, 15, Triq il-Merkanti, Valletta

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Politika Soċjali http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry for Social Policy where it may be accessed at http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

13. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

15. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Mejju 2008.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-30 ta' April, 2008

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday 23rd May 2008.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday 23rd May 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

30th April, 2008

L-INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

**L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)**

| | **2008** |
|---|---|
| Jannar | 112.42 |
| Frar | 112.89 |
| Marzu | 113.66 |

**Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–**

| Oġġetti | Frar 2008 | Marzu 2008 | Effett fuq l-Indiċi |
|---|---|---|---|
| **Ikel** | | | |
| Ħut, frisk jew iffriżat | 113.69 | 131.53 | 0.11 |
| Ħaxix | 176.50 | 183.71 | 0.07 |
| **Ħwejjeġ u Żraben** | | | |
| Ħwejjeġ ta' l-irġiel | 83.62 | 88.59 | 0.07 |
| Ħwejjeġ tas-subien | 78.90 | 89.32 | 0.08 |
| Ħwejjeġ tan-nisa | 81.01 | 87.96 | 0.13 |
| Ħwejjeġ tal-bniet | 77.48 | 85.61 | 0.08 |

It-30 ta' April, 2008

RETAIL PRICE INDEX

**All Items (December 2002 = 100)**

| | **2008** |
|---|---|
| January | 112.42 |
| February | 112.89 |
| March | 113.66 |

**Items causing most change:–**

| Items | February 2008 | March 2008 | Effect on Index |
|---|---|---|---|
| **Food** | | | |
| Fish, fresh or chilled | 113.69 | 131.53 | 0.11 |
| Vegetables | 176.50 | 183.71 | 0.07 |
| **Clothing and Footwear** | | | |
| Men's outwear | 83.62 | 88.59 | 0.07 |
| Boys' outwear | 78.90 | 89.32 | 0.08 |
| Women's outwear | 81.01 | 87.96 | 0.13 |
| Girls' outwear | 77.48 | 85.61 | 0.08 |

30th April, 2008

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Sliema jgħarraf illi Triq Rudolfu (minn Triq Leone sa Triq Santa Marija) se tkun magħluqa għat-traffiku kif ukoll għat-trasport pubbliku sal-Ġimgħa, it-13 ta' Ġunju, 2008.

It-traffiku minn Triq Rudolfu għaċ-ċentru ta' Tas-Sliema se jdur għal Triq Manwel Dimech. Ir-rotta tat-trasport pubbliku Nru. 63, minn Triq Rudolfu issa se tiddawwar għal Triq Manwel Dimech u 'l isfel għall-Balluta, San Ġiljan għal Triq Dingli.

Mhux se jkun permess parkeġġ f'diversi partijiet ta' Triq Manwel Dimech skond kif se jkun indikat fit-tabelli u l-marki tat-traffiku li se jkun hemm fuq il-post.

It-30 ta' April, 2008

SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Sliema local Council notifies that Triq Rudolfu (from Triq Leone up to Triq Santa Marija) will be closed to vehicular traffic and public transport up till Friday, 13th June, 2008.

Vehicular traffic in Triq Rudolfu going towards Sliema centre will be diverted to Triq Manwel Dimech and route No. 63 of the public transport from Triq Rudolfu will now be diverted through Triq Manwel Dimech going down to Balluta, St. Julians and towards Triq Dingli.

On street parking will not be permitted in various parts of Triq Manwel Dimech according to traffic signs and markings which will be implemented.

30th April, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

708

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-28 ta' Diċembru 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified, that by means of a decree of the 28 th December 2007, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bandu għall-Kuraturi

Bann for Curators

Repubblika ta' Malta

Republic of Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

To the Marshall of the Court

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-28 ta' Diċembru 2007, fuq talba ta' Dott. Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 1342/07 GV fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Whereas by a decree given by this Court, on the 28th December 2007, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent company STE SOLARADEL S.A.R.L. in the records of the Application number 1342/07 GV in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Rikors maħluf, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Luxottica Group S.p.a ta' Via Cantu' 2, 20122 Milano, l-Italja vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. ta' No.83 Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk, fis-26 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of the Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court in the names Dr Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company Luxottica Group S.p.a of Via Cantu' 2, 20122 Milano, Italy vs Deputy Curators to represent STE SOLARADEL S.A.R.L., of No.83 Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk, on the 26 December 2007, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'nuċċalijiet tax-xemx bis-sinjal RayBan ...omissis...li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(1) Declare that the objects consisting in sunglasses with the mark Rayban...omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container UNIU 4031048 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(2) Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti

(3) To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the

li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Luxottica Group S.p.a ta' Via Cantu' 2, 20122 Milan, l-Italja.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L. ta' No.83 Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk –

Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LL.D.

Illum 28 ta' Diċembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' April, 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) Order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

With costs, against the defendant from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of Witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr. Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company Luxottica Group S.p.a of Via Cantu' 2, 20122 Milano, Italy.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent STE SOLARADEL S.A.R.L., of No.83 Atarin Ancien Medina, Fes, il-Marokk –

Courts of Justice Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LL.D.

Today 28 th December, 2007.

Registry of the Superior Courts, today 28th April 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

709

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-22 ta' April 2008, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet moghti mill-QORTI CIVILI, PRIM'AWLA fis-27 ta' Marzu, 2008 fuq rikors ta' VALHMOR BORG IMPORT EXPORT LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 19 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar ghall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SUYABATMAZ TUNCEL.

Vettura Suzuki Ignis bin-numru tar-reġistazzjoni GBB 486.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 28 ta' April, 2008

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 22nd April 2008 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 27th March, 2008 on the application of VALHMOR BORG IMPORT EXPORT LTD, Monday, 19th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th March, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of SUYABATMAZ TUNCEL.

Vehicle Suzuki Ignis with registration number GBB 486.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 28th April, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

710

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' April 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' Mosta Auto Dealer Co Ltd (C 3923) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Il-garaxx internament immarkat bin-numru ħamsa (5), sottostanti blokk apartamenti bl-isem "Tulip", fi Triq l-Imgħażel, Swieqi stmat li jiswa €20,964 (Lm9,000).

2. Il-fond numru tlieta (3), Sqaq il-Karmnu, Sliema stmat li jiswa €8,153 (Lm3,500).

3. Il-garaxx internament immarkat bin-numru wieħed (1) fil-livell ta' basement f'kumpless ta' garaxxijiet f'Naxxar Road, San Ġwann stmat li jiswa €55,905 (Lm24,000).

4. Il-garaxx internament immarkat bl-ittri "BG" formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet fi Triq Għar il-Ġobon Birkirkara stmat li jiswa €18,635 (Lm8,000).

It is hereby notified that by a decree of the 15th April 2008, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th February 2008 on the application of Mosta Auto Dealer Co Ltd (C 3923), Thursday 29th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th October, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following properties.

1. Garage internally numbered five (5), underneath apartment block by the name 'Tulip', in Imgħażel street, Swieqi, valued at €20,964 (Lm9,000).

2. Property number three (3), in Sqaq il-Karmnu, Sliema, valued at €8,153 (Lm3,500).

3. Garage internally numbered one (1), at basement level in a complex of garages in Naxxar Road, San Ġwann, valued at €55,905 (Lm24,000).

4. Garage internally marked with the letters "BG" forming part of a complex of garages in Għar il-Ġobon Street, Birkirkara, valued at €18,635 (Lm8,000).

L-imsemmija fondi huwa propjetà ta' Richard (I.D. 481789M) u martu Sharlon (I.D. 305874M) konjugi Cuschieri.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' April 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Marzu, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenements are the property of Richard (I.D. 481789M) and Sharlon (I.D. 305874M) spouses Cuschieri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 17th April 2007.

Registry of the Superior Courts, this 12th March, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

711

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' April, 2008 fuq rikors ta' Carmen Serracino Inglott et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tal-31 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

1. Il-fond mezzanin bin-numru 438, Saint Joseph High Road, Santa Venera, liberu u frank, stmat li jiswa €232,937 (Lm100,000).

2. Il-fond terran u ġnien bin-numru 438A, Saint Joseph High Road, Santa Venera, liberu u frank, stmat li jiswa €163,056 (Lm70,000).

3. Id-dirett dominju u ċens relattiv ta' €6.99 (Lm3.00) tal-fond numru tmienja (8), Prison Street, Naxxar kapitalizzat bir-rata ta' 8%, stmat li jiswa €87.37 (Lm37.51).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carmen Josephine sive Eileen Serracino Inglott, Prof. Patrick Camilleri, u Maria Victoria sive Mariella Zammit.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjonijiet tiegħu maħlufa fl-20 ta' Ġunju 2007 u fis-27 ta' Marzu 2008.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' April, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th April, 2008 on the application of Carmen Serracino Inglott et, Tuesday 17th June, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by a sentence given on the 31st January, 2008 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement maisonette numbered 438, Saint Joseph High Road, Santa Venera, free and unencumbered, valued at €232,937 (Lm100,000).

2. Ground floor tenement with garden numbered 438A, Saint Joseph High Road, Santa Venera, free and unencumbered, valued at €163,056 (Lm70,000).

3. The direct dominium and relative ground rent of €6.99 (Lm3.00) of tenement number eight (8), Prison Street, Naxxar capitalized with the rate of 8%, valued at €87.37 (Lm37.51).

The said tenement is the property of Carmen Josephine sive Eileen Serracino Inglott, Prof. Patrick Camilleri, and Maria Victoria sive Mariella Zammit.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on 20th June, 2007 and 27th March 2008.

Registry of the Superior Courts, this 22nd April, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

**L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss**
***Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only***

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*